**14 ta' Marzu, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Victor Licari *noe et*

*versus*

Rose Micallef *et*

**Mara Miżżewġa - Proprjeta' Parafernali - Dritt ta' Aljenazzjoni - Liċitazzjoni**

*Huwa risaput li fil-liġi tagħna l-mara miżżewġa għandha d-dritt li, jekk hekk trid, taljena l-proprjeta' parafernali tagħha u dan mingħajr il-ħtieġa ta' l-intervent jew l-assistenza ta' żewġha.*

*Il-liċitazzjoni, in kwantu timporta l-aljenazzjoni ta' immobbli, mhijiex att ta' amministrazzjoni imma tmur oltre u huwa dritt li jista' jiġi eżerċitat mill-mara miżżewġa mingħajr l-intervent ta' żewġha.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn deċiżjoni <u>in parte</u> mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Marzu, 1993 li permezz tagħha ġiet respinta l-eċċezzjoni preliminari ssollevata mill-konvenut appellant Kisinchand Mohnani;

Fiċ-ċitazzjoni l-atturi wara li ppremettew li s-soċjeta' attriċi *Licari Estates Limited* hi proprjetarja, fil-kwota ta' nofs ($^{1}/_{2}$) indiviż, mill-fond numru 30, Triq ir-Repubblika, Valletta, *mentri l-attriċi* Phyllis mart in-Nutar Dottor Mario Bonello hi proprjetarja fil-kwota ta' ħamsa minn tmienja u għoxrin ($^{5}/_{28}$) parti indiviża mill-istess fond;

Illi l-konvenuti għandhom ir-rimanenti kwoti minn tali fond, u ċjoe' l-konvenuta Rose Micallef għandha kwota ta' waħda minn tmienja u għoxrin ($^{1}/_{28}$) parti indiviża, Frank Micallef għandu kwota simili ta' waħda minn tmienja u għoxrin ($^{1}/_{28}$) parti indiviża, mentri l-konvenuti l-oħra kollha, u ċjoe' l-armla Mohnani u wliedha, għandhom bejniethom ir-rimanenti kwota ta' kwart ($^{1}/_{4}$) indiviż;

Illi l-atturi ma jridux jibqgħu aktar fi stat ta' komunjoni kif premess la bejniethom u lanqas mal-konvenuti fl-imsemmi fond numru 30, Triq ir-Repubblika, Valletta;

Illi tali fond m'huwiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti skond ir-rispettivi kwoti tagħhom;

Talbu għaliex, għar-raġunijiet premessi:

(i) M'għandhiex din il-Qorti tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tal-fond numru 30, Republic Street, Valletta, previa *n-nomina* ta' perit biex jistma l-istess fond;

(ii) M'għandhiex konsegwentement din l-istess Qorti tordna li r-rikavat mill-bejgħ ta' l-istess imsemmi fond jiġi spartit bejn il-kontendenti skond ir-rispettivi kwoti tagħhom;

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti;

L-appellant eċċepixxa:

Fl-ewwel lok, l-irritwalita' u n-nullita' taċ-ċitazzjoni peress li Phyllis Bonello mart in-Nutar Bonello waqt li għandha tkun fil-kawża, daqstant ieħor żewġha għandu jkun u dan skond l-artikolu 1327 tal-Kodiċi Ċivili;

Inoltre issa ma tistax issir l-ebda korrezzjoni peress li l-atturi messhom aġixxew sewwa mill-bidu;

B'sentenza mogħtija fl-1 ta' Marzu, 1993 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellant, bl-ispejjeż;

Il-konvenut Kisinchand Mohnani ħassu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell b'nota ppreżentata fid-9 ta' Marzu, 1993 u ppreżenta petizzjoni ta' l-appell bl-aggravju li ġej:

1. Illi fl-istat attwali tal-liġi tagħna, rigward is-sehem tagħha f'diviżjoni ta' wirt, u l-liċitazzjoni ta' immobbli taħt l-awtorita' tal-Qorti, ċertament huma atti ta' amministrazzjoni tal-beni tal-mara, u fil-kawża għandu jkun hemm ir-raġel miżżewweġ;

Illi dan il-punt ġie deċiż f'kawżi simili. Jekk jinbidel l-istat tal-liġi allura l-kwistjoni tkun mod ieħor, imma sal-lum dik hi l-liġi applikabbli;

Għaldaqstant huwa talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut,

u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati;

L-appellati wieġbu li:

(i) Fil-meritu u bla preġudizzju għall-premess, is-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma;

In effetti huwa kunċett fundamentali fis-sistema ġuridiku tagħna li mara miżżewġa għandha d-dritt ta' aljenazzjoni tal-proprjeta` parafernali tagħha. Konsegwentement m'huwiex meħtieġ l-intervent tar-raġel;

(ii) Fil-każ in kwistjoni, fejn si tratta ta' proċedura għall-liċitazzjoni ta' fond immobbli, li sehem indiviż minnu jappartjeni lill-attriċi Phyllis mart in-Nutar Dottor Mario Bonello, bħala proprjeta` parafernali tagħha, il-preżenza ta' l-imsemmi Nutar Bonello m'hijiex neċessarja;

Bir-raġun l-ewwel Qorti bis-sentenza appellata ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut appellanti Kisinchand Mohnani;

Għalhekk għar-raġunijiet premessi l-appell odjern għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell, għal liema seduta attendew biss l-appellati assistiti mid-difensur tagħhom, din il-Qorti sejra tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha;

Illi b'verbal iddatat l-1 ta' Frar, 1993 il-kontendenti qablu li l-kwota ta' l-attriċi Phyllis Bonello mill-fond numru 30, Triq ir-

Repubblika, Valletta, li tiegħu qiegħda tintalab l-liċitazzjoni, jifforma parti mill-beni parafernali ta' l-istess attriċi appellata bħala koproprjetarja;

Huwa risaput li fil-liġi tagħna l-mara miżżewġa għandha d-dritt li, jekk hekk trid, taljena l-proprjeta' parafernali tagħha u dan mingħajr il-ħtieġa ta' l-intervent jew l-assistenza ta' żewġha. L-appellat Kisinchand Mohnani ssottometta li bejgħ ta' immobbli b'liċitazzjoni huwa att ta' amministrazzjoni u in kwantu tali fil-kawża għandu jkun hemm ir-raġel miżżewweġ. Aktar minn hekk l-appellant ma jelaborax. Dina l-enunċjazzjoni, bir-rispett kollu, hija żbaljata. Il-liċitazzjoni mitluba in kwantu timporta l-aljenazzjoni ta' l-immobbli mhijiex att ta' amministrazzjoni imma tmur oltre u huwa dritt li jista' jiġi eżerċitat mill-mara miżżewġa mingħajr l-intervent ta' żewġha. Għalhekk wkoll l-artikolu 1327 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) ma japplikax għall-każ. Għandu jingħad ukoll li l-appellant mhux biss ma kien espansiv xejn fil-petizzjoni ta' l-appell tiegħu imma lanqas deher fil-fażi ta' trattazzjoni u f'kull każ pero' minn punto di vista legali l-appell interpost huwa manifestament infondat;

Għal dawn ir-raġunijiet u billi jidhrilha li fl-appell interpost jirrikorru l-elementi imsemmijin fl-artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tiddeċidi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza preliminari ta' l-ewwel Qorti mogħtija fl-1 ta' Marzu, 1993 tiċħad l-appell tal-konvenut appellant Kisinchand Mohnani u tikkundanna lill-appellant iħallas lill-appellat l-ispejjeż ġudizzjarji għal darbtejn; u fl-aħħarnett tordna li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura quddiem l-ewwel Qorti a kariku tar-Reġistratur għall-prosegwiment tal-kawża

quddiem dik il-Qorti.